MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Numru. 404/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Cleaven Mejlaq**

**Kumpilazzjoni Nru: 404/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Cleaven Mejlaq, ta’ 28 sena, bin Mario u Josephine nee’ Psaila, imwieled Pieta’, fl-20 ta’ Ottubru, 1986 u residenti fil-fond 110, Dawret ix-Xatt Xghajra, Limiti Haz Zabbar, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 484486(M).

Akkuzat talli fi Frar, 2014 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispossizzjonijiet tal-ligi u l i gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda’ b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama’ jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe’ cirka €3,158 ghad-detriment tas-socjeta Emmanuel Delicata & Sons Limited, ai termini ta’ l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi ggieb mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ is-somma ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centemzu (€2,329. 37) u cioe’ cirka €3,158 ghad-detriment tas-socjeta’ Emmanuel Delicata & Sons Limited ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, ai termini ta’ l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta’ l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532Bu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 18, 183, 184, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat kif ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-

ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll li waqt is-sottomissjonijiet l-partijiet qablu li f'dan il-kaz mhux opportun li tinghata sentenza ta' prigunerija, sottomissjoni li din il-Qorti taqbel maghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli l-artikoli 18, 193, 184, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn; in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputat biex ihalles lill-parte leza is-somma ta' tlett elef mija u tmienja u hamsin Euro (€3,158) fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------